MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 116/2002/1

**Victor Pace Moore, Alfred Pace Moore, Marion Pace Moore, Joseph Pace Moore**

**vs**

**Mario u Marianna konjugi Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta’ Ottubru, 2006, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Bord,
>
> Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta’ Novembru, 2002 fejn esponew:
>
> Illi l-intimati ghandhom il-kirja tal-fond numru 79, Flat 4, Triq Sant’Ursola, Valletta liema fond huwa proprjeta’ ta’ l-istess esponenti;

Illi l-intimati jhallsu l-kera ta’ tmienja u erbghin lira maltin (Lm48.00) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem u dan ai termini ta’ skrittura datata 27 ta’ Jannar 1986, l-ewwel skadenza fil-31 ta’ Dicembru 2002.

Illi l-esponenti jinhtiegu l-fond de quo ghall-uzu personali taghhom, u dan sabiex tkun tista’ tirrisjedi fih Elaine Pace Moore u zewgha Bernd Siegler li qeghdin jistennew tarbija u li jinstabu prezentement ighixu mal-genituri tal-istess Elaine, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors l-intimati m’ghadhomx ighixu fl-imsemmi fond u jinstabu jirrisjedu gewwa 200, Triq ir-Repubblika, Valletta, kif jidher mid-dokumenti tal-karta tal-identita’ ta’ l-intimati li gew trasferiti ricentement u meta gew interpellati fuq il-kwistjoni regghu ttrasferew tali dokument ufficjali, kif ukoll gie trasferit n-numru tat-telephone u sahansitra gie sospiz s-servizz tal-ilma tal-istess fond.

Illi l-intimati ma jridux jirritornaw ic-cwievet tal-fond ghalkemm jafu li r-rikorrenti jinhtiegu l-fond kif fuq dettaljat u ghalkemm ben stipulat fil-kuntratt tal-kirja huma qed jippretendu kumpens ghall-konsenja ta’ cwievet.

Illi l-intimati qed jimminaccjaw li ser jissullokaw l-fond lill-terzi persuni ta’ reputazzjoni hazin sabiex jisfurzaw lir-rikorrenti jhallsu kumpens.

Illi l-intimati jafu ben tajjeb li r-rikorrenti jinhtiegu l-fond b’mod imminenti peress li Elaine Pace Moore tinstab tistenna tarbija u ghadha kemm izzewget lil Bernd Siegler.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna lill-intimat sabiex, fi zmien prefiss mill-Bord jitilqu u jizgombraw mill-

fond Flat 4, 79, Triq Sant Ursola, Valletta, u jawtorizza lill-esponenti illi jirriprendu l-istess fond skond il-ligi.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimati Mario u Marianne Farrugia pprezentata fid-29 ta' Novembru 20002 fejn esponew:

Illi fl-ewwel lok it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li r-rikorrenti m'ghandhomx dak il-bzonn li qed jindikaw fir-rikors taghhom peress li huma ghandhom numru ta' propretajiet minn fejn il-htigijiet taghhom jistghu jigu sodisfatti.

Illi fit-tieni lok, izda bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li anke kieku r-rikorrenti ghandhom bzonn ta' post, l-aggravju li jsofru l-intimati kemm-il darba jitkeccew mill-fond ikun ferm akbar mill-aggravju li qatt jistghu isofru r-rikorrenti f'kaz li t-talba taghhom ma tintlaqax.

Illi konsiderando l-kera kif stipulata fl-1986 fl-ammont ta' Lm48 fis-sena u l-kirjiet kif qed imorru llum (mijiet u gieli eluf ta' liri fis-sena), mhuwiex verosimili li dan l-Onorabbli Bord jista' jkun sodisfatt illi l-kerrej jista' jsib dar alternattiva fejn joqghod li tkun tghodd ghall-mezzi tieghu u tal-familja tieghu ghal dak li hu wisa' u ghal dik li hija sura, u li tkun qrib tax-xoghol tieghu kif stipulat b'Artikolu 9 paragrafu (b) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponenti ma kienu jafu xejn li Elaine Pace Moore qed tistenna tarbija, izda anke jekk dan huwa minnu, gialadarba Elaine Pace Moore ghazlet li jkollha tarbija qabel ma jkollha dar kif trid hi, l-esponenti m'ghandhom xejn x'jahtu u m'ghandhomx jigu kkastigati huma billi jitkeccew minn darhom.

Illi l-esponenti jirribattu l-allegazzjonijiet infondati maghmula fir-rikors mill-atturi, liema allegazzjonijiet barra li huma inveritieri huma ntizi biss biex ihammgu, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghal kull buon fini jig rilevat li l-esponenti ilhom zmien twil jircievu vendikazzjonijiet u trattament hazin, u issa waslu fil-punt li r-rikorrenti harguhom minn darhom (meritu ta' din il-kawza)bil-forza billi abbuzivament u llegalment bidlulhom ic-cavetta tad-dhul gol-flat. Ir-rikorrenti nstabu hatja ta' din l-illegalita' mill-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Fir-rikors qed titressaq il-kawzali ta' bzonn biss kif imfisser mill-avukati tal-partijiet. Issemmiet kawzali ohra imma nghad li mhux imsemmija fir-rikors:

> "Illi l-esponenti jinhtiegu l-fond de quo ghall-uzu personali taghhom, u dan sabiex tkun tista' tirrisjedi fih Elaine Pace Moore u zewgha Bernd Siegler li qeghdin jistennew tarbija u li jinstabu prezentement jghixu mal-genituri tal-istess Elaine......"

2. In re "Saliba vs Caruana" l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li:

> "L-ewwel rekwizit biex sid jitlob ir-ripreza ta' pussess ta' fond, hu x'inhu, ghall-okkupazzjoni tieghu taht dik id-disposizzjoni tal-ligi, huma illi hu 'requires' li jaghmel hekk. Din id-

> disposizzjoni kienet giet modellata fuq il-ligi Ingliza ta’ l-1931. Huwa car li l-kelma ‘requires’ tindika bzonn, mhux semplici xewqa jew preferenza. Il-piz tal-prova ta’ dan il-bzonn hu fuq is-sid, li jehtieg juri mhux biss illi hu qieghed jagixxi in buona fede imma anke illi hu ghandu bzonn li jirriprendi l-pussess tal-fond, certament mhux mehtiega li tigi ppruvata necessita’ assoluta izda ugwalment hu cert illi jehtieg li jigi pruvat grad ragonevoli ta’ bzonn “Vol XLVI-1-254, deciza fit-28 ta’ Mejju, 1962).

3. Siewi li jinghad ukoll li:

> “Wiehed ghalkemm ghandu joqghod ferm attent fl-evelwazzjoni tal-bzonn u ma jesagerax izzejjed. Kif osservat fid-decizzjonijiet fl-ismijiet ‘John Debattista vs Beatrice Galea Preca’, Appell Civili 20 ta’ Marzu, 1978 u ‘Richard Zammit Tabona vs Hillbourne Stacey Hawkes’, Appell Civili, 15 ta’ Novembru 1989, fuq l-istigma tad-decizzjoni Inliza ‘Aitken vs Thous’, ‘requires’ tikkonota *“something more than desires, although at the same time something much less than absolute necessity will do”* (‘Azzopardi et vs Triganza’, Appell mill-Bord, 20 ta’ Ottubru 2003).

4. Ir-rikorrenti jridu l-fond, illum mikri mill-intimati ghal bint ir-rikorrent Victor Pace Moore, Elaine Siegler u l-familja taghha. Siegler xehdet li llum toqghod f’The Village, San Giljan, Triq il-Mediterran.

> ‘Qabel ma zzewwigt kont noqghod fil-fond in kwistjoni. Jiena zzewwigt fit-28 ta’ Gunju tas-sena li ghaddiet (i.e. 2002). Meta zzewwigt jiena mort noqghod fil-post fejn qeghda llum. Jiena biddilt il-post ta’ qabel minhabba (li), ta’ min kien, ried ibieghu u allura jiena kelli nidhol

fl-iskomdu li nsib post iehor. U dan minkejja li jiena kelli l-post in kwistjoni li stajt nuza lilu. Il-post li semmejt, li ried ibieghu kien ta' certu Palmier. Jiena llum inkun ghand ommi u missieri kwazi kuljum u ghalhekk jekk l-intimat jigi hemmhekk jiena narah. Jiena mhux qed narah hemmhekk, (fil-fond in kwistjoni). La naf li l-intimat ghandu dar ohra...... Hut missieri lesti kollha jhalluni mmur noqghod f'dan il-post. Din ghalija hija haga urgenti peress li qed ikolli nhallas spejjez kbar u ghandi tarbija gejja wkoll. Jiena nifhem li ghandi dari u ma nistax immur hemm waqt li l-intimat qieghed f'dar ohra u mhux fil-fond li missieri u z-zijjiet kienu krewlu (fol 13-14).

5. Fejn qed toqghod illum Steigler hemm zewg sulari b'zewg kmamar tas-sodda, salott u kamra ta' l-ikel, u zewg kmamar tal-banju. Il-fond 'de quo' fih sitt kmamar, kcina, kamra tal-banju. F'San Giljan, skond ix-xhieda moghtija minn missierha fis-seduta tal-11 ta' Frar 2003 "ilha toqghod bejn wiehed u iehor ghal xi sitt gimghat jew xahrejn. Il-Qawra kienet thallas Lm120 fix-xahar. Il-Qawra damet xi tminn xhur (fol 10-13). Illum f'San Giljan thallas Lm200 kera u missierha biex ighinha jaghtiha Lm100 fix-xahar biex ighinha.

6. a. Fir-rikors ewlieni jinghad li r-rikorrenti:

"jehtiegu l-fond de quo ghall-uzu personali taghhom, u dan sabiex tkun tista' tirrisjedi fih Elaine Pace Moore u zewgha Bernard Siegler li qeghdin jistennew tarbija u li jinsabu prezentament ighixu mal-genituri tal-istess Elaine...."

b. Fin nota ta' sottomissjonijiet r-rikorrenti jissottomettu:

"Il-ligi trid tipprotegi sija d-drittijiet tal-kerrej izda wkoll id-drittijiet tas-sid li jinsab ghal oltre

> hames snin negat id-dritt illi juza l-fond vojt u inutilizzat ghalih u ghall-familjari tieghu. Illi matul il-kawza ta' bzonn ta' dan il-flat zdied ghaliex Elaine Pace Moore li tant ghandha bzonn il-fond mhux biss kellha tifel tarbija izda tinstab tistenna tarbija ohra. Dan il-fond vicin l-familjari taghha u l-htiega illi tkun tista' jkollha residenza fi blokk ta' appartamenti fejn jirrisjedu biss parentela taghha...."

7. Elaine Pace Moore fix-xhieda taghha stqarret li toqghod San Giljan. Wara z-zwieg taghha f'Gunju 2002 marret San Giljan ghal ftit zmien, telqet minn hemm ghax riedet u marret il-Qawra fejn ghamlet tmien xhur. Is-sid ried ibiegh dan il-post u hi regghet marret fil-fond li kellha mikri ghandha qabel fi Triq il-Mediterran San Giljan/San Gwann. Meta sar ir-rikors fl-14 ta' Novembru 2002 aktarx kienet il-Qawra kif jirrizulta mid-dati msemmija. Meta xehdet fil-11 ta' Frar tghid li qeghda toqghod San Giljan/San Gwann. Il-Bord ma jistax jasal izjed bix-xhieda ta' Elaine Pace Moore, ta' missierha Victor u taz-zitha Marion, it-tnejn Pace Moore. Zgur li ma kienetx toqghod il-Belt mal-familja kif jinghad fir-rikors ghalkemm bhal kull mara kienet gieli tmur ghand ommha. Ghaliex minn San Gwann marret il-Qawra ma jirrizultax. Dan ma nghadx u minn naha tar-rikorrenti hemm nuqqas ta' taghrif u reticenza dwar ir-residenza/residenzi ta' Elaine Pace Moore. L-aktar u l-ewwel haga li tintalab f'kawzi ta' bzonn hija l-bona fede u c-carezza (ara 'Anthony Cauchi et vs Joseph Bartoli et' Appell mill-Bord, 2 ta' Gunju 2002 dwar dar ta' villeggjatura sa fejn applikabbli).

8. Victor Pace Moore isemmi l-kera li thallas bintu u l-ghajnuna li jaghtiha. Izda fl-istess hin fir-rikors jinghad li bintu qieghda l-Belt u f'daru u mhux San Gwann/San Giljan. Il-bint issemmi diffikultajiet finanzjarji ghax trid taghmel operazzjoni, l-kera gholja u l-familja qed tikber.

Dwar l-operazzjoni ma ngabu l-ebda provi. Dwar il-kobor tad-dar f'San Giljan jaghti deskrizzjoni missierha, li wkoll ghal min mhux espert, hu bizzejjed ghaliha, ghal zewgha u zewg uliedha. Dan qed jinghad biss dwar l-allegat bzonn. Jinghad *"en passant"* li meta jissemma bzonn finanzjarju ghandhom jingiebu provi dwar il-qaghda finanzjarja ta' min qed jallegah.

9. Il-bzonn tas-sid jista' jkun ta' hafna suriet u s-sid jista' jitlob lura fond imhabba diversi bzonnijiet f'daqqa. Imma f'dan il-kaz apparti n-nuqqas ta' bona fede ma gie pruvat l-ebda bzonn (ara 'Paris vs Ellul Sullivan et' Appell 12 ta' Ottubru, 2005) (biex jinghad kollox ir-rikorrenti ma ghandhom l-ebda fond fil-binja li mhux mikri).

10. F'kazi bhal dawn is-sid irid jipprova l-bzonn qabel kollox, Il- Bord ma jistax jaqbez dan il- pass u jghaddi bniex iqabbel, kif jinghad fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, il-bzonnijiet tal-partijiet (aktarx din hi referenza ghal 'hardship'). Imhabba n-nota ta' sottomissjonijiet jinghad bhala zieda illi "jekk il-kerrej ghandu *"suitable alternative accommodation"* ma hemmx bzonn u ma kienx il-kaz li jigi paragunat il-hardship rispettiv tal-partijiet u s-sid ghandu jgi moghti l-pussess tal-fond jekk hu jipprova li ghandu grad ragonevoli ta' bzonn il jiehdu ghall-okkupazzjoni tieghu jew tal-persuni msemmija fil-ligi ("Dun Giuseppe Zammit vs Francis Gatt, Appell Civili 4 ta' Frar 1985). Dwar it-tifsira ta' 'suitable' hi ta' siwi s-sentenza fl-ismijiet "Salvu Sultana vs Carmelo Vassallo" (Appell Civili 12 ta' Ottubru 1973).

11. F'din il-kawza intilef hafna zmien fuq il-kwistjonijiet li ghaddejjin bejn il-partijiet u twarrab l-essenzjal.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija, i.e. imhabba in-nuqqas ta' prova ta' l-allegat bzonn tar-rikorrent, l-

> Bord jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.”

Minn din is-sentenza appellaw ir-rikorrenti li talbu r-revoka taghha. Il-kwestjoni kif impustata minnhom hi dik li l-Bord ma ghamelx gudizzju sew tal-fatti u, inoltre, ghamel applikazzjoni skorretta ta’ l-ipotesi legali tal-bzonn ghal fattispeci;

Kif jirrizulta mir-rikors promotur l-unika kawzali, pre-ordinata ghat-talba tar-ripreza tal-fond mikri lill-intimati, hi dik tal-bzonn. Dejjem skond ma jinghad fl-istess rikors dan il-bzonn hu maghmul jikkonsisti fil-htiega li tmur toqghod fih Elaine Pace Moore, bint ir-rikorrenti Victor Pace Moore, flimkien ma’ zewgha. Jirrizulta, imbaghad, mill-provi illi din bint l-imsemmi rikorrenti ghamlet xi zmien tghix il-Qawra u wara marret toqghod San Giljan f’ post li l-kera tieghu hu ta’ mitejn lira (Lm200) fix-xahar. Skond id-deskrizzjoni ta’ Victor Pace Moore dan il-fond jikkonsisti f’ zewg kmamar tas-sodda, salott, kamra ta’ l-ikel u zewgt ikmamar tal-banju. Ir-raguni sottomessa minn Elaine Pace Moore (ara xhieda taghha a fol. 13) biex hi ma tkomplix toqghod f’ dan il-post hi dik li qed ikollha thallas spejjez kbar (presumibilment f’ affitt) u kienet qed tistenna tarbija ohra;

Huwa opportun illi b’introduzzjoni ghall-ezami li jrid isir din il-Qorti tirriproduci din is-silta mis-sentenza taghha tal-11 ta’ Frar 2004 in re: “**John Mercieca *et* -vs- Andreanna Saliba**”:-

> “Il-gudikant ma ghandu jitlaq minn ebda prekoncetti billi dawn ghandhom it-tendenza joffuskaw ir-ragonament ghaqli u l-interpretazzjoni sana u korretta tal-provi. Invece, jinhass aktar konsiljabbli illi wara ezami bir-reqqa ta’ l-istess provi jigi determinat jekk l-ispjegazzjoni tar-raguni tal-bzonn hijiex possibbli fic-cirkostanzi

> zvarjati tal-hajja u fuq kollox hijiex perswasiva u sodisfacenti. Forsi l-kwestjoni l-izjed sostanzjali f'kazijiet ta' dan il-generu huwa jekk il-gudikant ghandux jemmen l-allegazzjoni centrali tar-rikorrenti sidien dwar il-grad tal-bzonn jew almenu jaccettax il-versjoni taghhom bhala wahda verosimili. Fuq kollox jekk irnexxielhomx jiddisimpenjaw adegwatament l-*onus probandi* tal-bzonn impost fuqhom biex jirnexxu fit-talba taghhom."

F' din l-istess decizjoni l-Qorti imbaghad issoktat hekk tippreciza:-

> "Dan ghaliex il-bzonn kellu jkun sodisfacentement pruvat. Bzonn li ghandu iva bhala fatt jirrizulta, ma jkunx ivvintat jew kapriccjuz. Mhux mehtieg li jkun relatat ma' xi kriterji partikolari, izda fl-istess hin ghandu jkun bzonn reali u mhux b'xi skop ulterjuri, li mal-bzonn 'ghall-uzu personali tieghu' ma jkollu x'jaqsam xejn."

Ferma din l-introduzzjoni, dak li johrog f' dan il-kaz b' mod generali mill-korp tal-provi huwa l-fatt indiskuss illi bejn il-kontendenti kien hemm bosta attrit u dissidji fuq bosta affarijiet, mhux l-anqas akkuzi ta' hsejjes, thollija ta' hwejjeg fl-entrata komuni tal-blokk ta' appartamenti, qlugh ta' hbula ta' l-inxir, tixrid ta' ilma fuq il-bejt, tibdil tas-serratura tal-bieb ta' barra ghall-blokk, hebb ghal xulxin u griehi personali. Dwar dawn l-akkuzi jew uhud minnhom ittiehdu anke proceduri penali;

B' mod partikulari rrizulta illi l-intimati ghal habta ta' Mejju 2002 marru joqghodu f' fond iehor f' Republic Street li huma jghidu li kienu xtraw ghal binhom li kien gharus (ara Affidavits taghhom a fol. 118 u 120). Huma jistqarru li ghamlu dan meta sabu li ma setghux jaccedu ghal flat

mikri fil-blokk ghar-raguni li r-rikorrenti kienu biddlu, kif inghad, is-serratura tal-bieb estern, u ghax riedu wkoll jevitaw konfrontazzjonijiet ulterjuri mar-rikorrenti;

Dan premess, il-provi prodotti mir-rikorrenti ma jhallu ebda dubju illi l-intimati f' dak iz-zmien ma baqghux joqghodu fil-flat mikri. L-intimata biddlet l-indirizz fuq l-Identity Card taghha (fol. 64) bdew jiehdu s-sussidju fuq id-dawl u l-ilma fuq il-fond ta' Republic Street (ara xhieda ta' Neville Young, fol. 91) talbu t-trasferiment tat-*telephone* ghal dan il-fond (ara fol. 58 u x-xhieda ta' David Buttigieg, (fol. 85) kif ukoll *re-direction of post* (ara xhieda ta' Edwin Abdilla u tal-pustier Robert Cremona) u li jigu registrati ghal skop ta' vot fuq dak il-fond taghhom (ara estratti tar-Registru Elettorali, fol. 55 *et sequitur* u x-xhieda ta' Emerenziana Agius, fol. 88). Sahansitra garrew xi ghamara u bzonnijiet ohra mill-appartament ghal post ta' Republic Street [ara xhieda ta' binhom Carmel Farrugia (fol. 103) u d-deposizzjoni ta' Mario Camenzuli (fol. 136)];

Ta' min josserva wkoll, ghax dan jirrizulta mill-provi, illi Elaine Pace Moore izzewget fit-28 ta' Gunju 2002 (ara xhieda taghha a fol. 13), jigifieri wara l-avvenimenti u l-incidenti li ssemmew aktar 'il fuq, u l-azzjoni giet intavolata fl-14 ta' Novembru 2002;

Jokkorri illi qabel ma din il-Qorti taghmel l-analisi interpretattiva taghha ta' dawn il-provi, tindirizza l-punt sollevat mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom. Huma jikkontendu illi jekk il-Bord irrizultalu n-non uzu dan kellu l-obbligu morali u legali li jikkonsidrah u mhux jiskartah. Bir-rispett kollu dan hu spropozitu legali ghall-ahhar. Ibda biex ma jista' qatt jitqies lecitu li l-Bord jestendi l-konsiderazzjonijiet tieghu ghall-premessa - dik tan-non-uzu - li ma kienetx dik senjalata fil-kawzali ghat-talba tar-rikorrenti. Kieku ghamel dan kien jigi li l-Bord kien ikun qed jiddeciedi fuq kawzali mhux dedotta u dan mhux permissibbli (ara "**Cacciottolo *utrinque***", Appell, 30 ta' Gunju 1976 u "**Joseph Gatt -vs- Joseph Galea**",

Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965). Fit-tieni lok il-kawzali tan-non-uzu ma tistax titqies assorbenti f' dik tal-bzonn tant li l-ligi specjali (Kapitolu 69) tikkollokahom f' disposizzjonijiet distinti. Ara Artikoli 9 (a) u 9 (b) tal-Kapitolu imsemmi;

Issa fuq l-evalwazzjoni taghha tal-provi rijassunti aktar 'il fuq hi l-ferma konvinzjoni ta' din il-Qorti, anke mill-mod kif giet stradata l-kawza mill-appellanti quddiem il-Bord, illi aktar mill-bzonn il-pretensjoni taghhom hi istigata minn element ta' pika u dan, kif spiss jigri f' kazi simili, ikollu ftit jew wisq il-piz tieghu. Il-Qorti ghandha dubbji serji dwar il-genwinita` tal-bzonn u jidher li dak li pprecipita t-tehid ta' l-azzjoni kienu l-antecedenti tad-diversi kwestjonijiet acerrimi li skoppjaw bejn il-kontendenti fix-xhur ta' qabel u li wasslu biex l-appellati, ghall-iskansar ta' l-aggravament tas-sitwazzjoni, temporanjament imorru joqghodu fil-fond ta' Republic Street, destinat lil binhom. F' dan il-Qorti ma tirravissax dak l-element tal-bwona fede li hu ghab-bazi tal-principju tal-bzonn ghar-ripreza tal-pussess tal-fond;

A propozitu, f' sentenza ricensjuri taghha din il-Qorti kellha okkazjoni tenuncja illi, "il-bwona fede ma ghandhiex biss valur merament teoriku. Din, anzi, ghandha, f' sens oggettiv, tkun intiza bhala regola komportamentali ta' ragonevolezza u, fuq kollox, ta' lealta u ta' korrettezza. … … … Dan kemm ghaliex ghall-pretendent tad-dritt f' rapport ma' haddiehor il-bwona fede tirraprezenta l-metru ta' mgieba, kif ukoll hi kejl siewi ta' valutazzjoni mill-gudikant." ("**Carmelo Bonello** ***et*** **-vs- Concetta Farrugia**", 29 ta' Frar 2007). Fil-fattispeci dejjem f' kuntest ta' gudizzju *ex fide bona* din il-Qorti ma ssibx li jezisti bzonn ragonevoli reali daqs kemm forsi li jigu ssuperati l-inkonvenjenzi ghall-appellanti bir-rimozzjoni a kwalunkwe kost ta' l-appellati mill-fond. Dan, ghal Qorti, ma jirrientrax fil-parametru tal-kawzali koncepit mill-appellanti ghat-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-Bord.  L-ispejjez tal-prezenti istanza jitbatew mir-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------